MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 425/2010

**Fl-Atti ta' l-Ittra Ufficjali Nru. 3749/10 fl-ismijiet:**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Vs**

**Jurgen Bugeja (Karta ta' l-Identità bin-Numru 378676M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Jurgen Bugeja fl-20 ta' Ottubru 2010, permezz ta' liema jitlob li l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u necessarja, tiddikjara l-pretensjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kif dedotta kontra tieghu fl-ittra ufficjali bin-Numru 3749/10 bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, konsegwentement tiddikjara li l-ammonti li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta qed titlob minghandu ma humiex dovuti u tordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex tiddezisti milli tiehu proceduri

ulterjuri kontra tieghu, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Maltaipprezentata fil-5 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema filwaqt li tissottometti li (i) ir-Rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet avvanzati minnu fir-Rikors tieghu; (ii) l-Awtorità intimata hija s-successur fil-Ligi ta' l-Awtorità precedenti u dan kif jirrizulta mill-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 38; (iii) ir-referenza fl-ittra ufficjali kontestata ghall-multa amministrattiva hija biss twissija lir-Rikorrenti li a tenur tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, qed tiddekorri kontra tieghu penali ta' €2.00 kuljum, u fl-istess ittra ufficjali mhux qed jintalab il-hlas ta' din il-multa amminsitrattiva. In oltre l-imposizzjoni ta' tali multa amministrattiva ma tikkostitwixxix uzura u b'hekk l-affermazzjoni tar-Rikorrenti f'dan ir-rigward hija diffamatorja u legalment ingustifikata; (iv) il-kontravvenzjonijiet indikati fl-ittra ufficjali kontestata gew hemm indikati biex jingiebu a konjizzjoni tar-Rikorrenti izda wkoll ma jifformawx parti mill-ammont mitlub mill-Awtorità b'dik l-ittra; u li (v) fil-mertu mill-*file* relattiv ghall-vettura tar-Rikorrenti ma jirrizultax li r-Rikorrenti informa lill-Awtorità intimata li kien se jiggaraxxja l-vettura tieghu. Il-pjanci u l-*log book* tal-vettura ma gewx ritornati u lanqas intliet id-dokumentazzjoni mehtiega f'kaz li vettura tkun se tigi ggaraxxjata; topponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u titlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu;
Semghet ix-xhieda tar-Rikorrenti Jurgen Bugeja u ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-procedura odjerna r-Rikorrenti qed jikkontesta t-talba ta' l-Awtorità intimata avvanzata bl-ittra ufficjali bin-Numru 3749/10, ghall-hlas tas-somma ta' €591.13 rapprezentanti licenzji dovuti mill-1 ta' Novembru 2002 sad-data ta' l-ittra

ufficjali, oltre l-multa amministrattiva ta’ €2.00 kuljum b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2009 u l-ammont ta’ €1,222.76, rapprezentanti kontravvenzjonijiet pendenti, in bazi ghas-segwenti ragunijiet:

- Il-maggor parti tal-licenzji formanti l-mertu ta’ l-ittra ufficjali kontestata ma humiex dovuti lill-Awtorità intimata peress illi f’dawk iz-zminijiet kienet ghadha ma gietx kostitwita u ghalhekk l-istess Awtorità trid tipprova li l-krediti ta’ l-Awtorità precedenti gew assenjati lilha;
- L-imposizzjoni ta’ penali, ossia l-multa amministrattiva, minhabba inadempjenza ta’ obbligazzjoni *di dare* tikkostitwixi uzura li ma tistax tigi prattikata la minn persuna privata u lanqas minn Awtorità pubblika; u
- Fil-mertu, huwa kien ghamel dak kollu li kien rikjest minnu skond il-Ligi sabiex jiggaraxxja l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni JAC-735 u ghaldaqstant ma ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-hlasijiet pretizi mill-Awtorità intimata.

Fir-rigward tal-kontestazzjoni dwar il-locus standi ta’ l-Awtorità intimata biex titlob hlas ta’ licenzi b’effett mill-1 ta’ Novembru 2002, l-istess Awtorità tirribatti billi tghid li bis-sahha ta’ dak provdut fil-Kap.499 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament l-Artikolu 38, hija successur fil-Ligi ta’ l-Awtorità precedenti u ghalhekk ghandha d-dritt fil-Ligi li tesigi u tottjeni hlasijiet ta’ licenzi li ghalqu u saru dovuti fi zmien qabel ma giet kostitwita.

L-Artikoli 37(1) u (2) u 38(1) tal-Kap.499 in effetti jikkonfermaw l-affermazzjoni ta’ l-Awtorità intimata: *Il-proprjetà u l-imprizi li huma tal-Awtorità Marittima ta’ Malta jew tal-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta jew tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u li kienu qeghdin jintuzaw minn xi wiehed jew wahda minnhom minnufih qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta’ din it-Taqsima ta’ dan l-Att*[1]*, jew li huma tal-Gvern u huma uzati minn xi wahda mill-imsemmija Awtoritajiet jew mill-imsemmi Dipartiment qabel l-imsemmija data, ghat-thaddim ta’ xi wahda mill-funzjonijiet li b’dan l-Att qeghdin jigu trasferiti lil jew vestiti*

[1] 1 ta’ Jannar 2010, Avviz Legali 349/2009.

*fl-Awtorità ghandhom, fid-data hawn aktar qabel imsemmija, bis-sahha ta' dan l-Att u minghajr ebda sigurtà ohra, jigu hekk trasferiti lil u vestiti fl-Awtorità taht l-istess titolu li bih kienu uzati jew inzammu mill-Awtorità Marittima ta' Malta jew mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili minnufih qabel id-data msemmija. … It-trasferiment u l-ghoti lill-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmija ghandhom jestendu ghal dik il-proprjetà u dawk l-imprizi kollha u, minghajr pregudizzju ghall-generalità hawn aktar qabel imsemmija, ghandhom jinkludu kull impjant, taghmir, apparat, strumenti, vetturi, vapuri, ingenji, xtut, mollijiet, piers, bankini, bini, strutturi, stallazzjonijiet, art, toroq, xoghlijiet, hazniet u proprjetà ohra, sew mobbli, sew immobbli, assi, setghat, jeddijiet u privileggi u kull haga mehtiega jew ancillari ghalihom jew li tkun lilhom tappartjeni, kif ukoll kull obbligu li jolqot jew ikollu x'jaqsam ma' xi proprjetà jew impriza minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew haga ohra hemm inkluza kif imsemmi aktar qabel[2]…* [Artikolu 37(1) u (2)]; *Kull haga relatata ma' xi proprjetà jew impriza jew xi dritt jew obbligu trasferiti lill-Awtorità b'dan l-Att jew tahtu li tkun inbdiet minn jew taht l-awtorità tal-Gvern, tal-Awtorità Marittima ta' Malta jew tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew tad- Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili qabel id-data tad-dhul fis-sehh ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, dik il-haga tista' titkompla u tintemm mill-Awtorità jew kif jigi awtorizzat minnha f'dik id-data jew wara dik id-data[3]* [Artikolu 38(1)].

Mill-imsemmija provvedimenti tal-Ligi johrog car li *inter alia* l-jeddijiet ta' l-Awtorità regolatrici precedenti gew trasferiti a favur l-Awtorità intimata u li din l-Awtorità kif kostitwita kellha u ghandha kull dritt tenforza dawn il-jeddijiet, fosthom permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-dritt ta' l-Awtorità intimata li tipprocedi a tenur ta' l-Artikolu 57(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta biex tigbor il-hlas ta' licenzi li ghalqu u saru dovuti meta kienet ghadha fis-sehh l-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta, jinsab stabbilit b'diversi sentenzi li jittrattaw appuntu oggezzjonijiet ghal ittri ufficjali

---

[2] Sottolinear tal-Qorti.
[3] Sottolinear tal-Qorti.

mahruga a tenur ta' l-Artikolu 57(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Frances Bartolo v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Avviz Nru. 372/10** deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-22 ta' Gunju 2011 u s-sentenza **Adrian Mallia v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Rikors Nru. 386/10** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2011.

Stabbilit li l-Awtorità intimata ghandha locus standi biex tipprocedi fil-konfront tar-Rikorrenti bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 57(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ser tghaddi biex tittratta l-mertu tar-Rikors in ezami.

Fil-mertu r-Rikorrenti jikkontendi li huwa *kien ghamel dak kollu li kien rikjest minnu skond il-Ligi sabiex jiggaraxxja l-vettura targata JAC-735* u b'hekk jippretendi li ma ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-hlasijiet li qed jigu mitluba mill-Awtorità intimata. Fil-fehma tal-Qorti l-kontestazzjoni fil-mertu avvanzata mir-Rikorrenti ghall-ittra ufficjali bin-Numru 3749/10 ghandha tigi michuda peress illi tirrizulta ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

Jibda biex jinghad illi mix-xhieda tar-Rikorrenti johrog car li l-vettura in kwistjoni ma gietx iggaraxxjata kif minnu allegat izda giet mitluqa f'ghalqa w in segwitu ittiehdet minn terza persuna biex allegatament tigi *scrapped*. Jirrizulta ukoll li r-Rikorrenti ma ha ebda mizura biex jezimi ruhu mir-responsabiltà ghall-hlas tal-licenza tal-vettura, semplicement telaq il-vettura fl-ghalqa u ma ghamel xejn iktar dwarha daqs li kieku din il-vettura ma kenitx iktar proprjetà tieghu u ma' l-ewwel opportunità li gietu biex jehles minnha ghaddiha lil terza persuna biex din tigi *scrapped*.

L-Artikolu 57(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenza relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-*

*Awtorità ghall-hlas tal-ammont dovut ghad-dritt tal-licenza rilevanti*.

L-obbligu tar-Rikorrenti *qua* sid il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni JAC-735 nascenti minn dan l-artikolu tal-Ligi huwa ferm evidenti. B’hekk ghamel x’ghamel bil-vettura in kwistjoni, hallhiex f’ghalqa tiddeterjora jew ippermettiex lil terza persuna tehodha biex tigi *scrapped*, ladarba ghazel li ma jinformax lill-Awtorità intimata bid-decizjoni tieghu li ma jibqax juza din il-vettura u li addirittura baghtha biex tigi *scrapped* – fatt dan ikkonfermat bix-xhieda li ta Brian Farrugia waqt is-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2011 – biex b’hekk jezimi ruhu mir-responsabilitajiet legali tieghu, huwa baqa’ soggett u marbut bl-obbligu tal-hlas tal-licenza u ghalhekk ghandu jhallas dik is-somma pretiza mill-Awtorità intimata bhala hlas ghall-licenza tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni JAC-375 dovut mill-1 ta’ Novembru 2002 sad-data ta’ l-ittra ufficjali bin-Numru 3749/10.

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li hadd ma informa lir-Rikorrenti li kien qed jehel il-flus fuq il-vettura minnu mitluqa fl-ghalqa ma hijiex skuza valida biex jigi ezonerat mill-hlas tal-licenza tal-vettura stante li l-obbligu tal-hlas huwa impost fuqu bil-Ligi u ghalhekk kien fl-interess assolut tieghu li javza lill-Awtorità kompetenti li ma kienx iktar interessat f’li jgedded il-licenza tal-vettura u jirritorna l-pjanci u l-*log book* relattivi.

Ir-Rikorrenti jikkontesta wkoll l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva ta’ €2.00 kuljum b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2009 u jikkontendi li tali imposizzjoni ta’ penali ghall-inadempjenza ta’ obbligazzjoni *di dare* tikkostitwixxi uzura li hija prattika mhux permessa mill-Ligi, skond hu kif jirrizulta minn gurisprudenza pacifika – ghal liema però ma ghamel ebda accenn jew referenza waqt is-smigh tal-kawza. L-Awtorità intimata tirribatti din il-pretensjoni tar-Rikorrenti billi tghid li bl-ittra ufficjali kontestata l-Awtorità intimata mhux qed titlob il-hlas tal-multa amministrattiva izda semplicement qed twissi lir-Rikorrenti li a tenur tar-Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02

bdiet tiddekorri kontra tieghu b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009, multa amministrattiva ta' €2.00 kuljum.

L-ittra ufficjali in kwistjoni inharget a tenur ta' l-Artikolu 57(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *meta l-Awtorità taghti xi avviz bil-mezz ta' ittra ufficjali li l-imsemmija persuna tkun civilment responsabbli ghall-hlas ta' xi ammont dovut lill-Awtorità taht dan l-artikolu, l-imsemmi avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet tat-Titlu VII tal-Parti I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kemm-il darba l-persuna avzata ma tibdiex procediment fil-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni civili sabiex toggezzjona ghall-imsemmi avviz fi zmien tletin jum mid-data li l-imsemmi avviz ikun gie notifikat lilha.*

Ladarba l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta – li tahtu inharget l-ittra ufficjali kontestata – jittratta biss dwar ir-responsabbiltà civili ta' sid ta' vettura li jonqos li jgedded il-licenza tal-vettura u mhux ukoll dwar il-multa amministrattiva, huwa evidenti li ghad illi b'dik l-ittra ufficjali l-Awtorità intimata setghet wissiet bir-Rikorrenti bl-oneru impost fuqu ma setghetx – u del resto mhux qed tippretendi li setghet – titlob il-hlas ta' dik il-multa amministrattiva. B'zieda ma' dan appena osservat, jinghad ukoll li dak dispost fl-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta rigward is-sahha ezekuttiva ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 3749/10 lanqas ma ghandu japplika fir-rigward tal-multa amministrattiva msemmija.

Dan il-principju già gie diversi drabi enuncjat minn din il-Qorti f'sentenzi wara proceduri istitwiti a tenur ta' l-Artikolu 57(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Roman Vella v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Rikors Nru. 406/10**, deciza fit-23 ta' Mejju 2011 u **Tony Borg v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Rikors Nru. 361/10** deciza fit-18 ta' Ottubru 2011.

B'hekk ladarba bl-ittra ufficjali bin-Numru 3749/10, *ex admissis* da parte ta' l-Awtorità intimata kif ukoll kif rizultanti mill-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux qed jintalab il-hlas tal-multa amministrattiva ta'

€2.00 kuljum b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009, il-Qorti, ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri mhux ser tiehu konjizzjoni tal-kontestazzjoni tar-Rikorrent fir-rigward ta' l-imposizzjoni ta' tali multa amministrattiva.
In fine l-Awtorità intimate tirreferi ghall-kontravvenzjonijiet imsemmija fl-ittra ufficjali bin-Numru 3749/10 u tghid li f'dan ir-rigward uoll ir-referenza ghall-kontravvenzjonijiet f'dik l-ittra kienet biss twissija lir-Rikorrenti u mhux ukoll talba ghall-hlas. Mir-Rikors in ezami però jirrizulta li r-Rikorrenti baqa' ghal kollox sieket dwar dawn il-kontravvenzjonijiet u ghalhekk filwaqt li tiehu konjizzjoni ta' dak affermat mill-Awtorità intimata fir-rigward, tastjeni milli tinoltra ruhha ulterjorment fil-kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet avvanzati mir-Rikorrenti bir-Rikorsipprezentat fl-20 ta' Ottubru 2010. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------